**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 739/97

Raymond Catania

vs

Kmandant Forzi Armati

Illum 10 ta' Ottubru, 2001.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' l-20 ta' Jannar 1992 huwa sofra ingustizzja f'li ma nghatax promozzjoni;

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor, illi ir-rikorrent dahal ma' l-Armata f'Mejju tal-1977. Illi fis-sena 1986 wara li kien ghamel il-Cadre Course, ir-rikorrent kien ha promozzjoni ghal Lance

Bombardier u huwa kien jaghmel xoghol ta' Vehicle Mechanic fil-Main Workshop ta' Safi Barracks;

Illi f'Jannar ta' 1989 ir-rikorrent kien rega ha promozzjoni ohra u lahaq Bombardier. Illi f'Jannar ta' l-1990 ir-rikorrent kien gie trasferit ghas-Central Servicing Station, taht il-kontroll tas-Surgent Hector Caruana;

Illi wara l-mewt tas-Surgent Caruana fl-20 ta' Marzu 1991, ir-rikorrent skond il-proceduri u anke minhabba l-kwalifiki illi huwa ghandu, ha f'idejh it-tmexxija amministrattiva u anke mekkanika tas-sezzjoni. Illi din ir-responsabbilta' kienet tobbliga lilir-rikorrent li jaghmel servicing u inspections tal-vetturi kollha tal-armata u anke jiehu stimi tat-traffic accidents li jsiru bil-vetturi tal-Armata;

Illi fl-1992 kienu hargu l-promozzjonijiet ta' Surgent, u li ir-rikorrent ma nghatax din il-promozzjoni u dan minkejja li huwa kien ilu jaghmel ix-xoghol ta' Surgent u anke kellu il-kwalifiki kollha mehtiega. Illi hafna mill-promozzjonijiet inghataw lil persuni li ghandhom anqas esperjenza u kwalifiki minn ta' ir-rikorrent.

Illi ir-rikorrent kien bi hsiebu jgib biex isostni dan l-ilment tieghu quddiem dan it-Tribunal lix-xhieda kollha ndikati f'dan ir-rikors.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-att ta' 1997 dwar it-Tribunal

ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li ir-rikorrent jinghata promozzjoni li huwa gie mtellef ingustament, datata b'lura mis-sena 1991, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens fl-ammont li jidhirlu xieraq dan it-Tribunal.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta li eccepixxa:

Illi dwar il-fatti allegati fir-rikors huwa ghandu xi jghid is-segwenti:

Illi r-rikors fl-istat li gie notifikat lilir-rikorrent huwa inammessibbli peress li mhuwiex akkumpanjat minn lista ta' xhieda fit-termini ta' l-artikolu 7(2)(a) ta' l-Att VIII ta' l-1997.

Illi jirrizulta li r-rikorrent kien ipprevalixxa ruhu mill-mezz ta' rimedju provdut fl-artikolu 161 ta' l-Att dwar il-Forzi Armati billi ressaq l-ilment tieghu quddiem l-ufficjal kmandant tieghu ta' dak iz-zmien. Jirrizulta wkoll li r-rikorrent kien ikkuntenta bir-rimedju jew risposta li l-ufficjal kmandant kien tah dak iz-zmien. Ma jirrizultax li r-rikorrent kien talab biex iressaq l-ilment tieghu quddiem il-kmandant tal-Forzi Armati ta' dak iz-zmien.

Illi ma jirrizultax li saru xi promozzjonijiet ta' xi individwu li kien junior tar-rikorrent u fil-fatt ma gie promoss hadd wara r-rikorrent.

Ghaldaqstant ghar-raguni fuq premessi dan it-tribunal ghandu jichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi fit-28 ta' Settembru, 1999 l-intimat irtira l-ewwel eccezzjoni. Ir-rikorrent ikkonferma l-ezattezza tal-kontenut tar-rikors. Zied li: "Fil-fatt fis-Central Servicing Station fl-1990 kont jiena bhala Bumbardier u Axiaq bhala Lance Bumbardier. Ma kienx hemm nies ohra hlief ghal Tonna li kien Lance Bumbardier ukoll. Fl-1991 kien miet is-Surgent Hector Caruana u bqajna kif konna u allura kont in charge jiena pero` meta kien ikolli problemi jiena kont nirrapporta lil Lt. Chircop dwar problemi ta` administration. Jiena sirt surgent fl-1998 u bqajt l-istess fis-Central Service Station…"

Il-Kaptan Mark Chircop xehed li jaf lir-rikorrent u kien jahdem direttament mieghu bejn l-1988 u Jannar 1996. Ghall-

ewwel kien Lance Bumbardier u mbaghad Bumbardier. Semma li ghall-ewwel ir-rikorrent kien mechanic fil-main workshop u ghal xi l-1990 kien ittrasferih ghas-Central Servicing Station. Sfortunatament is-Surgent Caruana kien marad u eventwalmen miet u kien ir-rirkorrent li ha over ix-xoghol tieghu. Hu kien irrakkomanda li r-rikorrent jsir Surgent u dan fir-rappot li jsir kull sena pero` hu ma kienx gie mitlub jaghmel ir-rapport dwar il-promozzjonijiet. Ma kienx intghazel ghal Surgent ghalhekk la fl-1992 u anqas fl-1996. Ir-rikorrent ma kienx l-unika persuna li kienet taghmel xoghol ta` rank aktar minn dak li kellu. Ma ftakarx li kien hemm bumbardiera juniors tar-rikorrent li qabzu lir-rikorrent u saru Surgenti mir-Regiment.

Lt. Col. Schembri pprezenta lista ta’ promozzjonijiet li hargu b’ effett mill-20 ta ‘ Jannar 1992 mir-rank ta’ Bumbardier ghar-rank ta’ Surgent fit-Tieni Regiment li minnu kien jaghmel parti r-rikorrent. Isem ir-rikorrent jidher l-ahhar wiehed fil-lista. Mill-lista jidher car li l-education kienet tajba tieghu. Kellu t-trades ukoll adegwati biex jigi kunsidrat ghall-promozzjoni ta’ surgent. Biss lil Catania f’ din il-promozzjoni hadd ma qabzu mir-regiment tieghu minhabba li l-ahhar wiehed li sar mir-regiment tieghu, il-Bumbardier Cassar, kien jigi qablu fis-seniority.

Bhala rapporti dawn kienu pozittivi. Fiz-zewg rapporti huwa rikmandat. Fl-ewwel wiehed huwa muri bhala above the standard required of his rank and service u f ‘ tas-sena ta’ wara l-istess, above the standard required of his rank and service. Il-kondotta tar-rikorrent hija clean. Rigward attendenza medika ma jidher li

hemm xejn barra min-normal. F'Jannar tal-1992 wara li hargu l-promozzjonijiet il-Bumbardier Catania talab li jressaq ilment quddiem il-Commanding Officer tieghu rigward il-promozzjonijiet. Is-C.O.' s comments kienu 'I am satisfied with your present performance. The recommendations from 2nd Regiment were based on seniority and you are 40th', l-erbghin wiehed 'on the 2nd Regiment Seniority list and due to the limitations in the number of promotions you were not promoted. This does not in any way reflect against your good performance and as you are in possession of ACE1 I am sure that this will be of great help in future promotions. I explained that there is no present rank trade establishment setup. At this stage Bombardier Catania accepted the C.O.' s decisions.'

Certament li fl-1992 anke skond dawn il-kummenti tas-C.O., Catania ma sarx mhux ghax ma kienx haqqu imma ghax ma kienx ghad fadal vakanza f'dak ir-regiment.

Il-fatt li hallewh in charge juri kemm Catania kien up to date fl-affarijiet tieghu. Semma li hu stess ghamel numru ta' snin twal bhala Lieutenant jaghmel ix-xoghol ta' Maggur. Illum stess jaghmel ix-xoghol ta' Kurunell u ghadu f' kariga ta' Acting Rank u ilu tliet snin. Jigifieri din hija xi haga normali. Ovvjament la jpogguk in charge hemm fiducja fik, hemm potenzjal li fil-kaz tar-rikorrent irrizulta fl-1998.

**KONKLUZZJONIJIET:**

Illi ghalhekk irrizulta li dwar l-eccezzjoni tal-intimat li r-rikorrent naqas li jipprevalixxa ruhu mill-mezz ta' rimedju provdut fl-artikolu 161 ta' l-Att dwar il-Forzi Armati li fil-fatt ir-rikorrent ressaq l-ilment tieghu quddiem l-ufficjal kmandant tieghu ta' dak iz-zmien. Dwar dan xehed il-Kurunell Schembri. Ghalhekk it-Tribunal jichad din l-eccezzjoni.

Dwar il-mertu tal-kaz jinghad li rrizulta li r-rikorrent hu bniedem kapaci u dedikat ghal xogholu. Zgur li jimmerita promozzjonijiet. Izda dan irid jitqies fid-dawl tal-vacancies li jkun hemm fl-Armata. Mid-dokument a fol 24 tal-process irrizulta li hadd ma qabez lir-rikorrent u ghalhekk ma tirrizulta ebda ingustizzja kif imsemmi fl-Att VIII tal-1997. Se mai li jista' jghid ir-rikorrent li ghamel xoghol ghal grad superjuri ghar-rank tieghu izda dan ma jwassalx fih innifsu ghad-dritt ghall-promozzjoni u dan l-aspett it-Tribunal sejjer iqisu ghar-rigward il-kap tal-ispejjez. Ghalhekk ma jsibx l-ilment gustifikat.

Stante n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.